

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fl-11 ta' Frar 2010 — Systeme Helmholtz GmbH vs Hauptzollamt Nürnberg

(Kawża C-79/10)

(2010/C 113/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Systeme Helmholtz GmbH

Konvenut: Hauptzollamt Nürnberg

Domandi preliminari

- (1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (¹), għandha tiġi interpretata fis-sens li l-esklużjoni ta' safar b'mod privat mill-benefiċċju ta' eżenzjoni mit-taxxa jfisser li l-eżenzjoni għall-prodotti ta' enerġija pprovduti biex jintużaw bħala karburant għan-navigazzjoni bl-ajru tista' tingħata biss lil kumpanniji tal-ajru jew fis-sens li din l-eżenzjoni testendi għall-karburant kollu użat fin-navigazzjoni bl-ajru sakemm l-ajruplan jintuża għal skopijiet kummerċjali?
- (2) L-Artikolu 15(1)(j) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-karburant li ajruplan jeħtieġ sabiex jaġġmel titjira lejn u lura minn post għal manutenzjoni tal-ajruplani jew fis-sens li l-possibbiltà ta' eżenzjoni tapplika biss għall-kumpanniji li l-għan tagħhom huwa l-manifattura, l-iżvilupp, l-ittestjar u ż-żamma ta' inġenji tal-ajru?
- (3) L-Artikolu 11(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, għandu jiġi interpretat fis-sens li f'każ ta' użu ta' ajruplan kemm għal titjiriet privati kif ukoll kummerċjali sabiex jitwettqu titjiriet għall-manutenzjoni jew għat-taħriġ, hemm lok, taħt l-Arti-

kolu 14(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, li tingħata eżenzjoni fi proporzjon mal-użu kummerċjali fuq il-karburant użat għal dan l-ajruplan?

- (4) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għat-tielet domanda: għandu jiġi dedott min-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, fil-kuntest tal-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, li fil-każ ta' użu mħallat ta' ajruplan għal skopijiet privati u kummerċjali ma hemmx lok li tingħata eżenzjoni għat-titjiriet għall-manutenzjoni jew għat-taħriġ?
- (5) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda jew jekk tirriżulta konsegwenza legali simili minn dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku: liema kriterji u liema perijodi ta' referenza għandhom ikunu l-bażi sabiex sabiex tiġi ddeterminata l-proporzjon rispettiva ta' użu, fis-sens tal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE, tas-27 ta' Ottubru 2003, li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku, fir-rigward ta' titjiriet għall-manutenzjoni jew għat-taħriġ?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 405

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Frar 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda

(Kawża C-82/10)

(2010/C 113/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: N. Yerrell, aġent)

Konvenuta: L-Irlanda